StudentBounty.com

# L-Eżami Annwali tal-Iskola Primarja 2010

**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv – Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazz**

| Is-Sitt Sena | Il-Malti (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

### Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**
**1.** It-test li jinqara.
**2.** Il-karta tal-mistoqsijiet.
**3.** Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>▪ Ser tinqralhom l-istorja ***Id-Dar Tiegħi.***<br>▪ Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **3 minuti** |
| **2** | ▪ Jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **3 minuti** |
| **3** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **3 minuti** |
| **4** | ▪ Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>▪ Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>▪ Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **5 minuti** |
| **5** | ▪ Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>▪ Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **3 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Id-Dar Tiegħi

***L-Ewwel Parti***

1. Għażiża Marija, jien Samwel u qed niktiblek din l-*email* biex inkellmek fuq id-dar tiegħi ta' Wied il-Għajn!

2. Ili dawn l-aħħar ħames snin noqgħod fiha, għax qabel kont noqgħod f'dar kollha taraġ Ħaż-Żabbar. Emminni meta ngħidlek li d-dar li ngħix fiha llum ma nibdilha ma' ebda dar oħra.

3. Din id-dar fiha isfel biss. Għandha tliet kmamar tas-sodda, kċina, salott u kamra tal-banju. Veru li mhijiex kbira ħafna, imma fuq barra għandha terazzin sabiħ, kbir u arjuż. Ikun fih għaxqa fl-iljieli sajfin għad-dawl tal-qamar! Il-gost tiegħi meta nagħmlu xi barbikju u jiġu wkoll il-kuġini u n-nanniet.

4. Mit-terazzin nista' nara x-xemx tielgħa kull filgħodu. Ilbieraħ sirt naf li meta x-xemx titla' ngħidulu *żerniq*. Imma biex nara ż-żerniq inkun irrid inbakkar u nqum qabel kulħadd.

5. Kont taf li meta x-xemx tkun tielgħa tkun qisha larinġa ħamranija? Dak il-ħin il-karozzi jkunu ftit u tara biss xi nies għaddejjin max-xatt, min jimxi u min jiġri.

***It-Tieni Parti***

6. Insejt ngħidlek li ħdejn id-dar tiegħi hemm il-bandli. Fix-xitwa wara l-iskola nħobb l-ewwel inlesti l-*homework* li jkolli, u mbagħad noħroġ nilgħab ftit il-bandli, u niltaqa' mal-ħbieb li jgħixu f'dawn l-inħawi.

7. L-iktar li togħġobni d-dar tiegħi fix-xitwa. Minħabba li t-temp ikun kiesaħ, id-dar tkun miksija bit-tapiti, u t-twieqi jkunu mgħottija b'purtieri ħoxnin. Ġieli tant ikunu msaħħnin li ninsew li nkunu fix-xitwa.

8. Meta jkun il-maltemp noqgħod wara t-tieqa tal-kamra ta' barra, li tagħti għall-baħar, u noqgħod inħares lejn il-mewġ jaħbat għall-blat donnu jrid jibilgħu. Nibda nistaqsi lili nnifsi, imma dan huwa l-istess baħar li nara fis-sajf?

9. Għax tajjeb tkun taf li jien inħobbu ħafna l-baħar. Ir-riħa tiegħu tiftaħli l-aptit! Kemm nieħu pjaċir meta tkun xi ġurnata xemxija, jiġu l-ħbieb tiegħi, u jgħinuni ninżel bis-siġġu tar-roti ħdejn il-baħar u hemm noqogħdu nieklu l-ħobż biż-żejt, bit-tadam u l-kappar. Jinżlilna għasel!

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# L-Eżami Annwali tal-Iskola Primarja 2010

**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv – Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

| **Is-Sitt Sena** | **Il-Malti (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 20 minuta** |
|---|---|---|

| **IL-MARKA** |
|---|
| ____ |
| **15** |

**Isem u kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Id-Dar Tiegħi

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba:**

## L-Ewwel Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Min qiegħed jikteb l-*email*? | | Marija |
| | | | Marjo |
| | | | Samwel |
| | | | Sandra |
| | | | |
| **2.** | L-*email* inkitbet lil | | Marija |
| | | | Marjo |
| | | | Samwel |
| | | | Sandra |
| | | | |
| **3.** | Fejn qed joqgħod bħalissa Samwel? | | Ħaż-Żabbar |
| | | | Ħaż-Żebbuġ |
| | | | Wied il-Għajn |
| | | | Wied il-Buni |
| | | | |
| **4.** | Id-dar li jgħix fiha Samwel għandha | | isfel biss |
| | | | żewġ sulari |
| | | | tliet sulari |
| | | | erba' sulari |
| | | | |
| **5.** | Id-dar ta' Samwel fiha wkoll | | kantina |
| | | | terazzin |
| | | | bejt |
| | | | garaxx |
| | | | |
| **6.** | Il-gost ta' Samwel hu meta jagħmlu barbikju u jiġu | | l-ħbieb u l-kuġini |
| | | | z-zijiet u n-nanniet |
| | | | l-kuġini u n-nanniet |
| | | | z-zijiet u l-kuġini |
| | | | |
| **7.** | Samwel tgħallem li meta tkun tielgħa x-xemx ngħidulu | | nżul ix-xemx |
| | | | l-għabex |
| | | | t-tbexbix |
| | | | ż-żerniq |
| | | | |
| **8.** | Meta jkun għadu bilkemm sebaħ ikun hemm | | ftit karozzi |
| | | | ħafna karozzi |
| | | | ħafna klieb |
| | | | ftit klieb |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **9.** | Ħdejn id-dar ta' Samwel hemm | | il-ġnien |
| | | | il-bandli |
| | | | restorant |
| | | | il-knisja |
| | | | |
| **10.** | L-iktar li togħġbu d-dar lil Samwel huwa | | fir-rebbiegħa |
| | | | fis-sajf |
| | | | fil-ħarifa |
| | | | fix-xitwa |
| | | | |
| **11.** | Meta jkun il-maltemp, Samwel joqgħod | | jara t-televixin |
| | | | iħares lejn il-baħar |
| | | | jaqra l-gazzetta |
| | | | jilgħab ħdejn il-bandli |
| | | | |
| **12.** | Il-mewġ donnu jibla' l-blat meta | | jkun bnazzi |
| | | | t-temp ikun imsaħħab |
| | | | jkun il-maltemp |
| | | | mmur nilgħab |
| | | | |
| **13.** | Il-pjaċir ta' Samwel f'xi ġurnata xemxija hu li | | jmur għand il-kuġini |
| | | | jintefa' jara t-televixin |
| | | | jinżel ħdejn il-baħar |
| | | | jmur sal-Buskett |
| | | | |
| **14.** | Samwel jinżel ħdejn il-baħar | | fuq ir-rota |
| | | | bil-krozzi |
| | | | bil-karozza |
| | | | fuq is-siġġu tar-roti |
| | | | |
| **15.** | Il-ħobż biż-żejt jinżlilna għasel, jiġifieri | | jkollna l-għasel mal-ħobż |
| | | | nieħdu ftit ħobż u ftit għasel |
| | | | nieklu xi qagħqa tal-għasel |
| | | | l-ħobż ikun tajjeb ħafna |
| | | | |

**- Tmiem il-Karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# L-Eżami Annwali tal-Iskola Primarja 2010

**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv – Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzj**

| Is-Sitt Sena | Il-Malti (Il-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ______________________________________ Il-klassi: ________**

| Il-Marki | Il-Fehim mis-Smigħ | Il-Kitba | | IT-TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| | ___ 15 | ___ 85 | | ___ 100 |

**Rimarki speċjali mill-għalliema:**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Għall-istudenti

**Aqraw sew dan li ġej:**

- Iktbu l-isem u l-kunjom u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa’ ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa’ ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista’ jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra sew is-silta Il-Festi tal-Maltin fis-Sajf**



Jgħidu li f'Malta s-sajf jiġi għal żewġ raġunijiet: għall-baħar u għall-festi. Għalkemm jitgawda l-aktar fis-sajf, il-baħar ikun magħna s-sena kollha u wieħed jista' jitpaxxa bis-sbuħija tiegħu anki fix-xitwa. Madankollu l-festi Maltin jitgawdew l-aktar fis-sajf. **(par. 1)**

Dari l-festi kienu importanti aktar mil-lum? Fi żmien in-nanniet tagħna, u aktar qabel, f'Malta ma kienx hawn fejn tmur tiddeverti. Għalhekk, għal ħafna, il-festa tar-raħal kienet waħda mill-ftit okkażjonijiet ta' serħan mir-rutina iebsa ta' kuljum. **(par. 2)**

Illum il-Maltin tgħallmu jgawdu b'modi differenti. Għal min irid, kull ġurnata tista' tfisser festa. Il-postijiet li fihom tista' tixxala huma ħafna madwar Malta u Għawdex. **(par. 3)**

Il-festi għadhom jattiraw eluf ta' nies kull sena. Tiskanta kemm hawn dilettanti li jgħaddu s-sajf iduru minn raħal għal ieħor biex igawdu l-festi kollha li jiġu ċċelebrati. It-temperaturi sħan tal-Mediterran jippermettu lill-Maltin joħorġu barra u jieħdu pjaċir igawdu l-kumpanija ta' xulxin. **(par. 4)**

Għall-Maltin il-festi huma speċjali u differenti mill-ħruġ tas-soltu. Tinduna li tkun ġejja xi festa f'xi raħal għax il-preparazzjoni tibda minn ġimgħat qabel. Barra l-armar fit-toroq, tara nies ibajdu l-faċċati tad-djar, jiżbgħu l-gallariji tal-injam u jtellgħu l-isbaħ bnadar fuq il-bjut. Għall-Maltin il-festa tfisser ukoll żjarat mill-ħbieb u l-familjari. **(par. 5)**

Waqt il-festa ssib nies jippassiġġaw minn naħa għal oħra tar-raħal, oħrajn joqogħdu jitkellmu ma' dik u mal-oħra, u oħrajn jerħulha għal wara l-banda, jew inkella wara l-vara. Ikun hemm min joqgħod jitpaxxa bil-logħob tan-nar, u ssib min jintilef iżur il-knisja armata. Xi talba lill-patrun jew il-patruna tar-raħal ma tonqosx. **(par. 6)**

Iżda kif jista' jkun li l-Maltin imorru jiddevertu u ma jiklux? Mela viva l-ġelati ta' kull togħma, l-imqaret, il-konfettura u, fuq kollox, il-qubbajt! Donnu dan ma kienx biżżejjed għax illum insibu wkoll dawk tal-*hot dogs*, tal-*hamburgers*, u taċ-ċips. **(par. 7)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**A. Aqra, ifhem u wieġeb il-mistoqsijiet. Ikteb sentenzi b'Malti tajjeb.**

**1.** Agħti raġuni **waħda** għala, skont il-Maltin, jiġi s-sajf. **(par. 1)**

_______________________________________________ **(marka)**

**2.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa t-tajba. **(par. 1)**

**a.** Nitpaxxew bis-sbuħija tal-baħar fix-xitwa wkoll. ☐

**b.** Nitpaxxew bis-sbuħija tal-baħar fis-sajf biss. ☐ **(marka)**

**3.** Għaliex fi żmien in-nanniet tagħna l-festa tar-raħal kienet tkun waħda mill-ftit okkażjonijiet ta' serħan? **(par. 2)**

_______________________________________________ **(marka)**

**4.** Kemm qegħdin jattiraw nies il-festi llum? **(par. 4)**

_______________________________________________ **(marka)**

**5.** Għaliex il-Maltin iħobbu joħorġu u jgawdu l-kumpanija ta' xulxin? **(par. 4)**

_______________________________________________ **(marka)**

**6.** Semmi **waħda** mill-affarijiet li biha tinduna li tkun ġejja xi festa. **(par. 5)**

_______________________________________________ **(marka)**

**7.** Xi tfisser ukoll il-festa għall-Maltin? **(par. 5)**

_______________________________________________ **(marka)**

**8.** Semmi żewġ ħlewwiet li jieklu l-Maltin fil-festi. **(par. 7)**

**a.** ____________________ **b.** ____________________ **(2 marki)**

**9.** Immarka ✓ fil-kaxxa biex tgħid jekk il-logħob tan-nar għandux jinqata' mill-festi tagħna.

Iva ☐ Le ☐

Agħti **tliet** raġunijiet għaliex taħseb hekk.

**a.** _______________________________________________

**b.** _______________________________________________

**ċ.** _______________________________________________ **(3 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**10. Mis-silta *Il-Festi Maltin fis-Sajf* sib il-kelma li tfisser:**

**a.** fl-antik **(par.2)** ______________________

**b.** jum **(par. 3)** ______________________

**ċ.** tistagħġeb **(par. 4)** ______________________

**d.** jimxu **(par. 6)** ______________________

**e.** jieħdu pjaċir **(par. 7)** ______________________

**(5 marki)**

**11. Għal min qed tirreferi l-parti tal-kelma miktuba b'sing taħtha?**

**a.** Il-festi għad**hom** jattiraw eluf ta' nies kull sena. **(par. 4)**

Il-parti tal-kelma **hom** qed tirreferi għall-________________.

**b.** Għalkemm jitgawda l-aktar fis-sajf, il-baħar ikun magħna s-sena kollha u wieħed jista' jitpaxxa bis-sbuħija tiegħ**u** anki fix-xitwa. **(par. 1)**

Il-parti tal-kelma **u** qed tirreferi għall- ________________.

**ċ.** Jgħid**u** li f'Malta s-sajf jiġi għal żewġ raġunijiet. **(par.1)**

Il-parti tal-kelma **u** qed tirreferi għall-________________.

**(3 marki)**

**12. Ħożż sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn f'kull linja. Żomm f'moħħok il-festi. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **a.** | pavaljuni | bandalori | festuni | arbli | **imqass** |
| **b.** | ġiġġifogu | banda | siġar | vara | murtali |
| **ċ.** | trumbun | klarinett | katuba | kurunetta | pjanu |
| **d.** | koppla | damask | artal | sufan | niċċa |
| **e.** | Birikirkara | Ħal Lija | Ħal Għaxaq | il-Mellieħa | il-Buskett |
| **f.** | brodu | *hamburgers* | *hot dogs* | pizza | ċips |

**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Qabbel l-espressjoni li qiegħda mmarkata b'sing taħtha f'kolonna A mat-t[illegible]ha f'kolonna B.**

**L-ewwel waħda hija lesta.**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| **a** | Rita għadha kemm ġriet ġirja twila. Issa għandha wiċċha aħmar **nar**. | | irqiqa ħafna |
| **b** | Trid toqgħod attent minn Marjo għax dak **baħri tal-bnazzi**. | | raqad |
| **ċ** | Bis-sħana tas-sajf, l-għelieqi **niexfa qoxqox**. | **a** | ħafna |
| **d** | Roberta mhu qed tiekol xejn u saret **għadma u ġilda**. | | kif jara xi diffikultà, jaħrab |
| **e** | Iz-ziju Toni ntefa' fuq il-pultruna u **marret għajnu bih**. | | sabiħa u tajba ħafna |
| **f** | Iz-zija Salvina għadha kemm xtrat karozza **tal-ġenn**. | | aħbar li ħasdet lil kulħadd għax mhux mistennija |
| **ġ** | L-aħbar li l-qattus tan-nanna tajritu karozza laqtitna bħal **sajjetta fil-bnazzi**. | | neqsin ħafna mill-ilma |

**(6 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ. Ikteb il-kelma skont l-għerq.**

**L-ewwel waħda lesta.**

Sandro **<u>wasal</u> (w-s-l)** ilbieraħ mill-Italja. Malli ġie d-dar kulħadd ______________ **(f-r-ħ)** bih għax kien ilu barra għal dawn l-aħħar xahrejn. Kif Sandro qabad ______________ **(f-t-ħ)** il-bagalja beda jdoqqlu l-*mobile.* Oħtu ż-żgħira ma kellhiex sabar tistenna u mill-ewwel bdiet ______________ **(ħ-r-ġ)** ir-rigali mill-bagalja. Sandro qalbu tajba u f'kulħadd ______________ **(ħ-s-b)**. Kemm ħadet pjaċir oħtu xħin rat li lilha xtralha pupa li taf ______________ **(k-l-m)**.

**(5 marki)**

**D. Ikteb in-numri fi kliem.**

**L-ewwel waħda lesta.**

Anna xtrat **<u>ħames</u> (5)** lampukiet biex tagħmilhom fil-forn. Norbert qalilha li se jgħinha la jasal mill-futbol, fis-______________ **(2)** jew fit-______________ **(3)**. Fis-sew Norbert jobgħod isajjar għaliex f'sena ħaraq l-ikel ______________ **(4)** darbiet. Insomma, li kien għalih jixtri ______________ **(2)** pizez u jeħles. Imma Anna tippreferi ssajjar ikel bnin u tajjeb għas-saħħa. Wara kollox ħajja ______________ **(1)** għandna!

**(5 marki)**

**E. Agħti s-singular tal-kliem li hemm fil-parentesi.**

**L-ewwel waħda lesta.**

Mark kien qed jaħseb x'se jagħti lil oħtu Marta bħala rigal għal għeluq sninha. Tgħid jagħtiha **<u>ktieb</u> (kotba)** jew inkella __________ **(flokkijiet)**? Kieku jixtieq jixtrilha mit-tnejn, imma flus ma tantx għandu. Issa jaf! Is-Sibt li ġej jaħsel il-__________ **(karozzi)** ta' missieru u ommu, u wara jiknes il-__________ **(btieħi)** u l-__________ **(gallariji)**. Jekk ikun għad fadallu ħin jaħsel ukoll it-__________ **(twieqi)** t'isfel. U bil-flus li jaqla' jixtrilha ż-żewġ rigali u jibqagħlu biex jixtri rigal għalih ukoll. Jixraqlu!

**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**F. Ikteb ittra b'Malti tajjeb ta' madwar 30 kelma fuq il-linji li għandek liz-[illegible]ħek li jgħixu l-Awstralja. Fiha iktbilhom x'għamilt fl-aħħar karnival.**






**(6 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ġ. Aqleb fid-diskors dirett.**

**L-ewwel waħda lesta.**

**1.** Il-kok talab lill-wejter biex iqassam l-ewwel platt.

**Il-kok talab lill-wejter, "Qassam l-ewwel platt."**

**2.** L-għalliema qaltilna li għada se nibdew lezzjoni ġdida.

______________________________________________________________

**3.** In-nanna Gerit u n-nannu Ġorġ qaluli biex nitfi d-dwal tal-kamra.

______________________________________________________________

**(4 marki)**

**G. Aqleb fid-diskors indirett.**

**L-ewwel waħda lesta.**

**1.** L-għalliema qalet lit-tfal, "Iġru kemm tifilħu!"

**L-għalliema qalet lit-tfal biex jiġru kemm jifilħu.**

**2.** Iz-ziju Salv qal lil ħuh, "Aħseb sew qabel ma tieħu deċiżjoni."

______________________________________________________________

**3.** L-iskrivan qal lill-mara, "Jekk trid, nikteb l-ittra jiena."

______________________________________________________________

**(4 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Għ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Ikteb Malti tajjeb u uża l-paragrafi. Żomm dejjem mas-suġġett.**

**Tista' tuża l-għajnuniet mogħtija.**

**(25 marki)**

**1. L-ewwel vjaġġ tiegħi fuq vettura spazjali.**

(Irrakkonta x'rajt, kemm domt sejjer u kif qattajt il-ħin.)

**2. Iż-żiemel ta' Pawlu.**

(Iddeskrivi dan iż-żiemel u rrakkonta storja fuqu.)

**3. Għalija u għal ħija ż-żgħir dak kien l-iktar lejl tal-biża'!**

(Fejn kontu? Kontu waħedkom? X'ġara?)

**4. Immaġinak qarnita ċkejkna u rajt kelb il-baħar imħabbel f'xibka tas-sajd.**
**Ikteb djalogu bejnietkom.**

(Se tgħinu? X'se tgħidlu? U jekk jieklok?)

**5. Il-bżonn li niekol ikel bnin u li ma jħaxxinx.**

(X'inhu l-aħjar ikel? Għandna nieklu b'moderezzjoni u nagħmlu l-eżerċizzju fiżiku?)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

-    **Tmiem il-Karta** -

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers